**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Settembru 2007(28.9)
(OR.en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2007/0058 (CNS)**

**11828/2/07
REV 2**

**LIMITE**

**PECHE 233**

PUBLIC

**DOKUMENT TA' ĦIDMA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd |
| Nru prop. Cion: | 8308/07 PECHE 100 - COM(2007) 169 finali |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran<br>- Kompromess tal-Presidenza |

Dan il-kompromess tal-Presidenza, imħejji f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni, iniżżel b'***tipa grassa korsiva*** l-bidliet għat-test fir-REV 1 ta' dan id-dokument (it-track changes preċedenti ġew integrati f'dan it-test).

________________________

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, xxx
COM(2007) sss finali

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**Li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran**[1]

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2]

Billi:

(1) Il-Komunità, mill-14 ta' Novembru 1997, hija Parti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku[3].

(2) Fil-Laqgħa Annwali tagħha f'Novembru 2006, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) adottat ir-Rakkomandazzjoni 2006[05] biex ikun stabbilit pjan ta' rkupru ta' 15-il sena għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

(3) Sabiex tinbena mill-ġdid il-ħażna, il-pjan ta' rkupru ICCAT jipprovdi għal tnaqqis gradwali tal-livell tal-Qabda Totali Permessa (TAC) mill-2007 sa l-2010, restrizzjonijiet fuq sajd ġewwa ċerti żoni u fuq perijodu ta' żmien, daqs minimu ġdid għat-tonn, miżuri dwar sport u attivitajiet ta' sajd rikreattivi kif ukoll miżuri ta' kontroll u l-implimentazzjoni ta' l-Iskema ICCAT ta' Ispezzjoni Internazzjonali Konġunta biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-pjan ta' rkupru.

[1] F'dan l-istadju, SM huma meqjusa li għandhom riżervi ta' skrutinju. DK, MT: Riżervi ta' skrutinju Parlamentari.
[2] IT: skeda ta' żmien għall-adozzjoni? COM: opinjoni tal-PE mistennija f'Novembru 2007.
[3] ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33

(4) Sabiex ikun konformi ma' l-obbligi internazzjonali wara r-rakkomandazzjoni ta' l-ICCAT, il-Pjan ta' rkupru ta' l-ICCAT għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran ġie implimentat fuq bażi proviżorja fir-Regolament (KE) Nru643/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 41/2007 *fir-rigward tal-pjan ta' rkupru għat-tonn rakkomandat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku*[4] sakemm jiġi adottat Regolament tal-Kunsilll li jimplimenta miżuri pluriennali għall-irkupru tal-ħażna tat-tonn fl-2007.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi implimentat il-pjan ta' rkupru ta' l-ICCAT fuq bażi permanenti permezz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' rkupru kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd[5], li ser japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

(6) Ċerti miżuri tekniċi adottati mill-ICCAT għat-tonn issa ġew inkorporati fil-liġi Komunitarja bħala r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċijiet li Jpassu Bil-kbir u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 973/2001[6].

(7) Għall-uniku fini tal-finanzjament tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2014, il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru ta' l-ICCAT adottati taħt dan ir-Regolament kif ukoll dawk adottati proviżorjament taħt ir-Regolament (KE) Nru 643/2007, għandhom jitqiesu bħala pjan ta' rkupru fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 643/2007[7].

(8) L-adozzjoni ta' miżuri tekniċi ġodda adottati mill-ICCAT għat-tonn u l-aġġornar ta' dawk li huma fis-seħħ minn żmien l-adozzjoni tar-regolament imsemmi hawn fuq jirrikjedu t-tħassir ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 u s-sostituzzjoni tagħhom b'dan ir-Regolament.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*
### *Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni mill-Komunità ta' Pjan Pluriennali għall-irkupru tat-Tonn (*thunnus thynnus*) rakkomandat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT). Dan ir-Regolament għandu

---

[4] ĠU L 151, 13.6.2007, p. 1
[5] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59
[6] ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3
[7] ES: din il-premessa m'hijiex meħtieġa. COM: inkluża, minħabba l-komprommess tal-Kunsill ta' Ġunju.

japplika għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran. L-objettiv ta' dak il-pjan ta' rkupru għandu jkun li tinkiseb bijomassa li tikkorrispondi mar-rendita sostenibbli massima (Bmsy) b'aktar minn 50 % probabbiltà.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) "CPCs" tfisser il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku u l-Partijiet Non-Kontraenti li Jikkooperaw, Entitajiet jew Entitajiet tas-Sajd;

b) "Bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment użat jew maħsub għall-użu fl-isfruttar kummerċjali tar-riżorsi tat-tonn, inklużi bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, ***bastimenti tat-trasport*** u bastimenti involuti fit-trasbord[8];

ċ) "Operazzjoni konġunta tas-sajd" tfisser operazzjonijiet bejn żewġ bastimenti jew aktar li jtajru l-bandiera ta' CPCs differenti jew ta' Stati Membri differenti fejn il-qabda ta' bastiment wieħed hija attribwita fit-total jew parzjalment lil bastiment ieħor wieħed jew aktar;

d) "Attivitajiet ta' trasferiment" tfisser kwalunkwe trasferiment tat-tonn:

(i) mill-bastiment tas-sajd għall-azjenda ta' l-aħħar għat-tismin tat-tonn, inkluż għall-ħut mejjet jew li ħarab waqt it-trasport,

(ii) minn azjenda tat-tonn jew nassa għat-tonn għal bastiment ta' pproċessar, bastiment tat-trasport jew għall-art,

e) "Nassa tat-tonn" tfisser irkaptu fiss ankrat mal-qiegħ li ssoltu jkollu xibka li tiggwida l-ħut għal xibka magħluqa;

f) "Għeluq fil-gaġeġ" tfisser li t-tonn ***ħaj*** ma jittellax abbord u jinkludi kemm, it-tismin kif ukoll it-trobbija fl-azjenda[9];

g) "Tismin" tfisser it-tqegħid fil-gaġeg ta' tonn għal perijodu qasir (ġeneralment xahrejn sa sitt xhur) li jimmira l-aktar li jżid il-kontenut ta' xaħam tal-ħut;

h) "Tkabbir" tfisser it-tqegħid fil-gaġeġ ta' tonn għal perijodu itwal minn sena, li jimmira li jżid il-bijomassa totali;

---

8 FR: kjarifika dwar jekk il-bastimenti tat-trasport humiex inklużi; defnizzjoni wkoll ta' laneċ tar-rmonk (tugboats) għaliex jittrasportaw tonn maqbud ħaj lejn faċilitajiet ta' tismin. COM: bastimenti tat-trasport inklużi.

9 FR: kjarifika tat-test; għandu jkun kopert it-trasferiment ta' ħut ħaj bejn il-bastimenti. COM: trasferiment ta' ħut ħaj inkluż.

i) "Trasbord" tfisser il-ħatt tat-tonn kollu jew ta' kwalunkwe tonn abbord bastiment tas-sajd għal bastiment tas-sajd ieħor [...][10];

j) "Bastiment għall-ipproċessar" tfisser bastiment li fuqu prodotti tas-sajd huma soġġetti għal waħda jew aktar mill-operazzjonijiet li ġejjin, qabel l-ippakkjar tagħhom: tqattigħ biċċa biċċa jew flieli, friżar u/jew trasformazzjoni;

k) "Sport tas-sajd" tfisser sajd mhux kummerċjali li l-parteċipanti tiegħu huma parti minn organizzazzjoni nazzjonali ta' l-isport jew ingħataw liċenzja nazzjonali ta' l-isport;

l) "Sajd rikreattiv" tfisser sajd mhux kummerċjali li l-parteċipanti tiegħu ma humiex parti minn organizzazzjoni nazzjonali ta' l-isport jew li ma ngħatawx liċenzja nazzjonali ta' l-isport;

m) "Kompitu II" tfisser Kompitu II kif definit mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) fil-"Manwal tal-qasam għall-istatistika u t-teħid ta' kampjuni tat-tonn ta' l-Atlantiku u ħut li jixbaħ lit-tonn" (Tielet edizzjoni, ICCAT, 1990).

***n) "Bastiment tat-trasport" tfisser bastiment li jirċievi individwi selvaġġi u li jittrasportahom lejn azjendi għat-tismin jew għat-trobbija.***

## KAPITOLU II
## OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

*Artikolu 3*
*Qabdiet Totali Permissibbli (TACs)*

It-TACs, iffissati mill-ICCAT għall-Partijiet Kontraenti, għall-ħażniet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandhom ikunu kif ġej:

– fl-2008: 28.500 tunnellata metrika,
– fl-2009: 27.500 tunnellata metrika,
– fl-2010: 25.500 tunnellata metrika.

Madankollu, fejn jintlaħaq qbil dwar livelli ġodda ta' TAC fil-qafas ta' l-ICCAT, il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata u fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jaġġusta t-TACs previsti fl-ewwel paragrafu kif meħtieġ.

[10] ES, FR: L-Art. 19 ikopri wkoll it-trasbord fil-baħar. COM: titħassar fil-port għax it-tnejn huma possibbli.

*Artikolu 4*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-isforz tas-sajd tal-bastimenti tiegħu huwa proporzjonat għall-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn disponibbli għal dak l-Istat Membru fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran[11].

2. Kull Stat Membru għandu jfassal pjan tas-sajd annwali[12] għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

3. Il-pjan tas-sajd annwali għandu:

a. jidentifika, inter alia, il-bastiment jew bastimenti li ser jimpenjaw ruħhom f'dan is-sajd u n-numru ta' jiem maħsuba għas-sajd li dawk il-bastimenti ser jgħaddu fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran;

b. jirrappreżenta l-isforz totali tas-sajd li għandu jiġi skjerat fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran fir-rigward ta' l-opportunità tas-sajd għat-tonn disponibbli għall-Istati Membri li jagħmlu n-notifika.

4. [13]Il-pjan tas-sajd annwali għandu jiġi trasmess lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar[14] ta' kull sena. Kwalunkwe modifika sussegwenti għall-pjan tas-sajd annwali għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni mill-anqas 30 jum qabel l-eżerċizzju ta' l-attività li tikkorrispondi għal dik il-modifika.

5. Mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tas-sajd annwali tagħhom għas-sena preċedenti. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu:

a. l-għadd ta' bastimenti verament impenjati fl-attivitajiet tas-sajd għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran;

b. il-qabdiet ta' kull bastiment u

c. l-għadd totali ta' jiem li kull bastiment stad fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

---

[11] FR: biex jiġi żgurat tali bilanċ jeħtieġ li jkun hemm pjan ta' ġestjoni għall-isforz tas-sajd li m'huwiex objettiv tal-proposta; m'huwiex possibbli li jiġi kkontrollat l-isforz tas-sajd abbażi ta' l-attivitajiet tal-bastimenti biss, it-tismin fil-gaġeġ jeħtieġ li jiġi rregolat ukoll; il-miżuri għandhom ikunu non-diskriminatorji u ġusti.

[12] EL, IT, FR: obbligu ġdid li m'huwiex fir-rakkomandazzjoni ta' l-ICCAT. FR: huwa impossibbli li n-numru ta' jiem ta' sajd attwali jkun magħruf minn qabel; hemm riskju li pjan tas-sajd annwali jkollu valur limitat minħabba n-natura ġenerali tiegħu. COM: jeħtieġ li jinżammu pjanijet nazzjonali, simili għall-miżuri tan-NAFO. EL: piż tqil għal bastimenti żgħar. COM: ħlief għall-ewwel lista, il-listi ser jinbidlu "fi żmien reali".

[13] FR: din id-dispożizzjoni titħassar, l-obbligu m'huwiex fir-rakkomandazzjoni ta' l-ICCAT u m'għandux valur miżjud.

[14] ES, MT: jeħtieġ li d-dati jiġu vverifikati; l-Art. 12 per eżempju stabbilixxa l-1 ta' April bħala l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-lista ta' bastimenti. COM: ser tikkunsidra li xi dati jiġu aġġustati.

5. Kull Stat Membru jista' jalloka il-kwota tiegħu ta' tonn lill-bastimenti u n-nases tas-sajd tiegħu awtorizzati li jistadu b'mod attiv għat-tonn.

[…][15].

***6. Qabel it-30 ta' Awissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar kwalunkwe arranġamenti tal-kummerċ privati bejn iċ-ċittadini tagħhom u CPC li jippermettu bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jidħlu għas-sajd tat-tonn f'ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' CPC.***

***7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:***

***a) il-lista tal-bastimenti kollha tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru li huma awtorizzati jistadu għat-tonn b'mod attiv taħt arranġamenti tal-kummerċ privati bil-ħruġ ta' permess speċjali tas-sajd.***

***b) In-numru intern tal-bastiment kif definit fl-Anness I għar-Regolament (KE) nru 2090/98.***

***c) It-tul ta' l-arranġamenti tal-kummerċ privati.***

***d) Il-kunsens ta' l-Istati Membri għall-arranġament privat.***

***e) L-isem tas-CPC ikkonċernat.***

***f) L-azzjoni li jkun ħa l-Istat Membru biex jiżgura li l-bastimenti tagħhom li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' l-ICCAT.***

***8. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 tas-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena.***

***9. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-perċentwali ta' kwota ta' CPC għat-tonn li jista' jintuża għall-kiri ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji skond l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) nru 1936/2001 m'għandux ikun aktar minn 60 %, 40 % u 20 % tal-kwota totali fl-2007, 2008, 2009, rispettivament.***

***10. Il-kiri ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandu jkun ipprojbit fl-2010 u fis-snin ta' wara.***

---

[15] FR: kjarifika li arranġamenti privati bħala prerekwiżit jeħtieġu l-awtorizzazzjoni minn CPC u l-ICCAT, l-awtorizzazzjoni minn SM m'huwiex biżżejjed. FR, UK: COM hija wkoll meħtieġa li tinforma l-ICCAT. FR: inklużjoni wkoll ta' skadenza għall-awtorizzazzjoni, sanzjonijiet ta' SM kontra ċittadini li jkunu għamlu dan it-tip ta' trasferiment ta' kwota mingħajr awtorizzazzjoni; tali trasferimenti għandhom ikunu possibbli wkoll bejn żewġ Stati Membri. UK: tixtieq tara referenza għat-tneħħija gradwali mill-ICCAT ta' operazzjonijiet ta' Kiri ta' bastimenti (Chartering). COM: taqbel biex tiċċara; tista' żżid li jkun meħtieġ qbil bejn is-CPCs.

## KAPITOLU III
## MIŻURI TEKNIĊI

*Artikolu 5*
*Staġun magħluq għas-sajd*

1. Is-sajd għat-tonn għandu jkun projbit fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran minn bastimenti pelaġiċi bil-lenza kbira fuq skala kbira aktar minn 24m matul il-perijodu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru bl-eċċezzjoni taż-żona delimitata mill-Punent ta' 10° W u mit-Tramuntant ta' 42° N..

2. Sajd bit-tartarun borża għat-tonn għandu jkun projbit fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru.

3. Is-sajd għat-tonn minn bastimenti tas-sajd bil-qasba għandu jkun ipprojbit fil-Lvant ta' l-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu mill-15 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju.

4. Is-sajd għat-tonn minn bastimenti pelġiċi tat-tkarkir għandu jkun ipprojbit fl-Atlantiku tal-Lvant matul il-perijodu mill-15 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju.

*Artikolu 6*
*Użu ta' l-inġenji ta' l-ajru*

L-użu ta' ajruplani jew ħelikopters għat-tiftix tat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandu jkun ipprojbit.

*Artikolu 7*
*Daqs minimu*[16]

1. Id-daqs minimu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew 115 cm.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, daqs minimu għat-tonn (*Thunnus Thynnus*) ta' 8 kg għandu jew 75 cm għandu japplika għat-tonn li ġej:

(a) tonn maqbud fl-Atlantiku tal-Lvant minn dgħajjes tas-sajd bil-qasba, dgħajjes tas-sajd bir-rixa u bastimenti tas-sajd pelaġiku bix-xbieki tat-tkarkir;

(b) tonn maqbud fil-Baħar Adrijatiku għal finijiet ta' trobbija.

[16] COM: artikolu ġdid; xi partijiet tneħħew mill-Anness I għar-rakkomandazzjoni ta' l-ICCAT. FR: ippreferiet il-preżentazzjoni preċedenti bħala Anness I.

3[17]. ***Għall-fini tal-paragrafu 2(a), i***~~I~~l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddetermina l-għadd massimu ta' dgħajjes tas-sajd bil-qasba, dgħajjes tas-sajd bir-rixa awtorizzati jistadu għat-tonn u bastimenti tas-sajd pelaġiku bix-xbieki tat-tkarkir[18] awtorizzati jistadu għat-tonn bħala qabda sekondarja.

L-għadd ta' dgħajjes li jistadu bil-qasab u bir-rix huwa ffissat għall-għadd ta' bastimenti Komunitarji li ħadu sehem fis-sajd għat-tonn fl-2006. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd pelaġiku bix-xbieki tat-tkarkir huwa ffissat għall-għadd ta' bastimenti Komunitarji awtorizzati jistadu għat-tonn bħala qabda sekondarja fl-2007[19].

4. ***Għall-fini tal-paragrafu 2(a), i***~~I~~l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jqassam fost l-Istati Membri l-għadd ta' bastimenti determinat skond il-paragrafu 3.

5. ***Għall-fini tal-paragrafu 2(a), m***~~M~~hux aktar minn 10 % tal-kwota Komunitarja għat-tonn għandha tiġi allokata lill-bastimenti awtorizzati msemmijin fil-paragrafi 3 u 4, b'massimu ta' 200 tunnellata metrika ta' tonn li jkun jiżen mhux inqas minn 6,4 kg jew 70 cm maqbud minn bastimenti tal-lixka ta' tul totali ta' inqas minn 17-il metru[20].

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-kwota Komunitarja għall-Istati Membri.

6. Mhux aktar minn 2 % tal-kwota Komunitarja għat-tonn ***bejn 8 u 30 kg*** tista' tiġi allokata [...] ***lil dgħajjes ta' skala żgħira għal ħut frisk fl-Atlantiku tal-Lvant***.

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-kwota Komunitarja għall-Istati Membri.

7. Il-kondizzjonijiet speċifiċi addizzjonali għat-tonn maqbud fl-Atlantiku tal-Lvant minn dgħajjes tas-sajd bil-lixka, dgħajjes tas-sajd bir-rixa u bastimenti tas-sajd pelaġiku bix-xbieki tat-tkarkir huma stabbiliti fl-Anness I.

---

17 EL, FR: L-Art. 7(3)-(6) għandu jikkonċerna biss l-Atlantiku tal-Lvant, kjarifika. COM: iva, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw biss l-Atlantiku tal-Lvant. FR: din id-dispożizzjoni bħalissa hija vaga wisq biex tkun aċċettabbli; hija għandha tinkludi proposta għall-kalkolu tan-numru massimu u s-sena ta' referenza. Il-qabda sekondarja għandha tkun koperta wkoll.

18 ES: għaliex hemm differenza bejn it-tipijiet ta' bastimenti?

19 IT: il-qabda sekondarja ta' l-2007 mhix imsemmija mill-ICCAT; x'inhuma l-konsgwenzi? UK: għandha tkun ta' l-2006. COM: taqbel li għandha tinbidel għal "qabda sekondarja fl-2006".

20 ES: tiżdied "bejn 8 u 30 kg" għal dgħajjes ta' skala żgħira

*Artikolu 8*
*Pjan ta' teħid ta' kampjuni għat-tonn*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programm ta' teħid ta' kampjuni għall-estimi ta' l-għadd ta' ħut f'daqs speċifiku (*numbers-at-size*) għat-tonn li jinqabad.

2. It-teħid ta' kampjuni skond id-daqs f'gaġeġ għandu jitwettaq fuq kampjun ta' 100 kampjun għal 100 tunnellata metrika ta' ħut ħaj jew fuq kampjun ta' 10 % ta' l-għadd totali ta' ħut imqiegħed f'gaġġa. Il-kampjun tad-daqs, abbażi ta' tul jew piż, għandu jittieħed matul il-ħsid fl-azjenda, u fuq il-ħut mejjet matul it-trasport skond il-metodu adottat mill-ICCAT għan-notifikar ta' data fil-qafas tal-Kompitu II.

3. Għandhom jiġu żviluppati metodi u kampjuni addizzjonali għal ħut imrobbi għal aktar minn sena.

4. It-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq matul ħasda meħud każwalment u għandu jkopri l-gaġeġ kollha. Id-data dwar it-teħid tal-kampjuni li jitwettaq kull sena għandha tiġi nnotifikata lill-ICCAT sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara.

*Artikolu 9*
*Qabdiet sekondarji*

1. Qabda sekondarja ta' massimu ta' 8 % ta' tonn li tiżen anqas minn 30 kg u mhux anqas minn 10kg[21] għandha tiġi awtorizzata għal bastimenti kollha tas-sajd, li jistadu b'mod attiv jew le għat-tonn.

2. Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-qabda sekondarja totali bl-għadd ta' ħut minn kull żbark tal-qabdiet totali ta' tonn ta' dawn il-bastimenti, jew abbażi ta' l-ekwivalenza tal-piż tiegħu f'perċentwal.

3. Il-qabda sekondarja għandha tiġi mnaqqsa mill-kwota ta' l-Istat Membru tal-bandiera. Ir-rimi ta' ħut mejjet mill-qabda sekondarja għandu jkun projbit u għandu jitnaqqas mill-kwota ta' l-Istat Membru tal-bandiera.

4. Il-ħatt l-art ta' qabdiet sekondarji ta' tonn għandu jkun soġġett għall-Artikoli 14 u 18(1).

[21] FR, PT: jista' tonn inqas minn 10 kg li jinqabad aċċidentalment jintrema jew għandu dan jinqered ma' l-iżbarkar? X'għandu jsir minn tonn li jinqabad meta s-sajd ikun magħluq? Għandha ssir distinzjoni bejn qabda sekondarja u qabda aċċidentali. COM: matul l-istaġun magħluq it-tonn kollu għandu jintrema.

*Artikolu 10*
*Sajd rikreattiv*

1. Fil-qafas ta' sajd rikreattiv għandu jkun projbit li jinqabad, jinżamm abbord, jkun trasbordat u żbarkat aktar minn individwu wieħed ta' tonn f'kull vjaġġ bil-baħar.

2. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' tonn maqbud f'sajd rikreattiv għandu jkun projbit ħlief għal finijiet karitattivi.

3. Kull Stat Membru għandu jirreġistra data dwar il-qbid minn sajd rikreattiv u jitrasmetti din id-data lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika ta' l-ICCAT.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura, sa fejn huwa l-aktar possibbli, ir-rilaxx ta' tonn maqbud ħaj, speċjalment ta' età żgħira, fil-qafas ta' sajd rikreattiv.

*Artikolu 11*
*Sajd sportiv*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirregola l-isport tas-sajd, b'mod partikolari b'awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

2. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' tonn maqbud f'kompetizzjonijiet ta' l-isport tas-sajd għandu jkun projbit ħlief għal finijiet karitattivi.

3. Kull Stat Membru għandu jirreġistra data dwar il-qbid minn sport tas-sajd u jitrasmetti din id-data lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika ta' l-ICCAT.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura, sa fejn huwa l-aktar possibbli, ir-rilaxx ta' tonn maqbud ħaj, speċjalment ta' età żgħira, fil-qafas ta' l-isport tas-sajd.

## KAPITOLU IV
## MIŻURI TA' KONTROLL

*Artikolu 12*
*Reġistru tal-bastimenti awtorizzati li jistadu*[22] ***b'mod attiv*** *għat-tonn*

1. Sa***l***-[...] ***31 ta' Jannar*** 2008[23], kull Stat Membri għandu jibgħat elettronikament lill-Kummissjoni lista tal-bastimenti kollha tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li jkunu awtorizzati li jistadu b'mod attiv għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran bil-ħruġ ta' permess speċjali tas-sajd.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT sabiex dawk il-bastimenti jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati li jistadu għat-tonn.

3. Dawk il-bastimenti tas-sajd Komunitarji kkonċernati b'dan l-Artikolu u mhux imdaħħla fir-reġistru ta' l-ICCAT ma jistgħux jistadu għal, iżommu abbord, jitrasbordaw, jitrasportaw, jitrasferixxu jew jiżbarkaw tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran.

4. Ir-regoli dwar liċenzji tas-sajd fl-Artikolu 8a (2), (4), (6), (7) u (8) tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

*Artikolu 13*
*Reġistru ta' nases tat-tonn awtorizzati għas-sajd tat-tonn*

1. Sa***l***-[...] ***31 ta' Jannar*** 2008, kull Stat Membru għandu jibgħat elettronikament lill-Kummissjoni lista ta' nases tat-tonn tiegħu awtorizzati li jistadu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran bil-ħruġ ta' liċenzja speċjali tas-sajd. Il-lista għandha tinkludi l-isem tan-nases u n-numru tar-reġistru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din il-lista lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT qabel il-15 ta' April 2008 sabiex dawn in-nases tat-tonn ikunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru ta' l-ICCAT tan-nases tat-tonn li jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn.

3. Nases għat-tonn Komunitarji mhux imdaħħla fir-reġistru ta' l-ICCAT ma jistgħux jistadu għal, iżommu, jitrasbordaw jew jiżbarkaw tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran.

4. L-Artikolu 8a (2), (4), (6), (7) u (8) tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001 għandu japplika *mutatis mutandis*.

[22] PT: tiżdied "b'mod attiv". COM: taqbel.
[23] ES: tinbidel għal "l-1 ta' April ta' kull sena". COM: le għaliex wara l-ewwel lista, l-aġġornamenti jseħħu fi żmien reali.

*Artikolu 14*
*Portijiet magħżula*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu post li għandu jintuża għall-iżbarkar jew post qrib ix-xatt (portijiet magħżula) fejn l-iżbarkar jew operazzjonijiet ta' trasbord tat-tonn ikunu permessi.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' kull sena lista ta' portijiet magħżula. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT qabel il-15 ta' April ta' kull sena. Kwalunkwe tibdil susseggwenti li jsir għal-lista għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni biex jintbagħat lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT, għallinqas 15-il jum qabel ma jkun se jidħol fis-seħħ it-tibdil.

3. Għandu jkun projbit li tiġi żbarkata jew trasbordata minn bastimenti msemmija fl-Artikolu 12 kwalunkwe kwantità ta' tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran fi kwalunkwe post ħlief portijiet magħżula minn CPCs u minn Stati Membri skond il-paragrafi 1 u 2.

4[24]. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal ħatt fuq l-art jew trasbord minn dgħajjes tas-sajd bil-qasba, dgħajjes tas-sajd bir-rixa u bastimenti tas-sajd pelaġiku bix-xbieki tat-tkarkir li jkunu qabdu t-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant.

*Artikolu 15*
*Ħtiġiet ta' reġistrazzjoni*

1. Minbarra li jikkonformi ma' l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju previst fl-Artikolu 12 għandu jniżżel fil-ġurnal ta' abbord, fejn applikabbli, l-informazzjoni elenkata fl-Anness II.

2. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd Komunitarju previst fl-Artikolu 12 impenjat f'operazzjoni konġunta tas-sajd għandu jirreġistra l-informazzjoni addizzjonali fil-ktieb ta' abbord tiegħu:

   (a) meta l-qabda tittella' abbord jew tiġi trasferita għall-gaġeġ:

   - id-data u l-ħin tal-qabda meħuda f'operazzjoni konġunta tas-sajd,
   - il-post (lonġitudini/latitudini) tal-qabda meħuda f'operazzjoni konġunta tas-sajd,
   - ammont ta' qabdiet ta' tonn meħuda abbord, jew trasferiti f'gaġeġ,
   - l-isem u il-*call sign* internazzjonali tar-radju tal-bastiment tas-sajd,

[24] FR: dan il-paragrafu huwa inkonsistenti ma' l-Anness I. COM: mhux inkonsistenti għaliex japplikaw regoli aktar stretti għal bastimenti li jibbenefikaw minn deroga mir-regoli dwar daqsijiet minimi.

(b) għal dawk il-bastimenti, impenjati f'operazzjoni konġunta tas-sajd imma mhux involuti fit-trasferiment ta' ħut: fish:

- id-data u l-ħin ta' l-operazjoni konġunta tas-sajd,
- il-post (lonġitudini/latitudini) ta' l-operazzjoni konġunta tas-sajd,
- jiġi ddikjarat li l-ebda qabda ma ttieħdet abbord jew ġiet trasferita f'gaġeġ minn dak il-bastiment,
- l-isem u l-*call sign(s)* internazzjonali tar-radju tal-bastiment(i) tal-qbid tas-sajd.

3. Meta bastiment tal-qbid impenjat f'operazzjoni konġunta tas-sajd jiddikjara l-kwantità ta' tonn maqbud mit-tagħmir ta' sajd tiegħu, il-kaptan għandu jindika, għal kull qabda, għal liema bastiment(i) u Stat(i) tal-bandiera għandhom jingħaddu l-qabdiet mal-kwota.

*Artikolu 16*
*Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd*

1. Kwalunkwe operazzjoni konġunta tas-sajd għat-tonn li tinvolvi bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru wieħed jew aktar għandha tkun awtorizzata biss bil-kunsens ta' l-Istat Membru tal-bandiera jew l-Istati Membri tal-bandiera kkonċernati[25].

2. Fil-mument ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikseb informazzjoni dettaljata dwar il-perijodu ta' żmien ta' l-operazzjoni konġunta, l-identità ta' l-operaturi involuti u l-kriterju ta' l-allokazzjoni bejn il-bastimenti għall-qabdiet involuti, mill-bastimenti tas-sajd tiegħu li jipparteċipaw fl-operazzjoni konġunta tas-sajd.

3. Kull Stat Membru għandu jittrasmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat ta' l-ICCAT.

*Artikolu 17*
*Rapporti tal-qabda*

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-qbid tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 12 għandu jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera tiegħu rapport tal-qabda li jiddikjara l-kwantitajiet ta' tonn maqbud mill-bastiment tiegħu, inkluż l-ebda qbid.

---

[25] FR: tiżdied li ċittadini li joperaw mingħajr awtorizzazzjoni jistgħu jiġu penalizzati.
COM: ser tirrifletti għaliex m'hemmx rakkomandazzjoni ta' l-ICCAT.

2. Ir-rapport tal-qabda għandu jintbagħat għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn tmiem l-għaxart ijiem wara d-dħul fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran jew wara l-bidu tal-vjaġġ tas-sajd. Fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti il-kaptan tal-bastimenti tal-qbid għandu jindika, għal kull qabda, għal liema bastiment jew bastimenti għandhom jingħaddu l-qabdiet kontra l-kwota ta' l-Istat(i) tal-Bandiera.

3. Mill-1 ta' Ġunju ta' kull sena, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jibgħat r-rapport tal-qabda dwar il-kwantità ta' tonn maqbud, ukoll jekk din tkun żero abbażi ta' ħamest ijiem.

4. Kull Stat Membru għandu, ma' l-irċevuta, jibgħat rapporti tal-qbid b'mezzi elettroniċi jew mezzi oħrajn lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat ta' l-ICCAT.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, b'forma li tinqara mill-kompjuter, qabel il-ħmistax-iljum ta' kull xahar, bil-kwantitajiet ta' tonn maqbud fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran li ġew żbarkati, trasbordati, maqbuda jew mqiegħda f'gaġeġ mill-bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom matul ix-xahar preċedenti[26].

*Artikolu 18*
*Żbark*

1. B'deroga mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment Komunitarju msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew lis-CPC li tagħhom jixtiequ jużaw il-portijiet jew il-faċilità ta' żbarkar mill-inqas 4 siegħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, b'dan li ġej:

(a) il-ħin stmat tal-wasla,

(b) il-kwantità stmata ta' tonn miżmuma abbord,

(c) l-informazzjoni dwar iż-żona fejn sar il-qbid;

2. Fil-każ ta' żbark f'port magħżul ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-bandiera, l-awtorità rilevanti ta' dak l-Istat Membru, għandha tibgħat reġistru ta' l-iżbark lill-awtorità tal-bandiera tal-bastiment, fi żmien 48 siegħa wara li jintemm l-iżbark.

[26] FR: kjarifika li COM tinforma lill-ICCAT. COM: tikkonferma dan.

3. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal żbark minn dgħajjes tas-sajd bil-qasba, dgħajjes tas-sajd bir-rixa u bastimenti tas-sajd perlaġiku bix-xbieki tat-tkarkir li jkunu qabdu tonn fl-Atlantiku tal-Lvant.

*Artikolu 19*
*Trasbord*

1. By way of derogation from Article 11 of Regulation (EEC) No 2847/93 transhipment at sea of bluefin tuna in the East Atlantic and Mediterranean Sea shall be prohibited, except for large–scale tuna longline fishing vessels operating in accordance with ICCAT *Recommendation2005[06] establishing a programme for transhipment for large-scale tuna longline fishing vessels,* as amended.

2. Qabel id-dħul fi kwalunkwe port, il-kaptan tal-bastiment li qed jirċievi (bastiment tal-qabda jew bastiment ta' proċessar) jew rappreżentant tiegħu, għandu minn ta' l-inqas 48 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li tiegħu jrid juża l-port b'dan li ġej:

(a) il-ħin stmat tal-wasla,

(b) il-kwantità stmata ta' tonn miżmuma abbord,

(c) l-informazzjoni dwar iż-żoni ġeografiċi fejn kienu meħuda l-qabdiet ta' tonn li għandhom ikunu trasbordati,

(d) l-isem tal-bastiment tal-qabda li jwassal it-tonn u n-numru tiegħu fir-reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati għat-tonn,

e) l-isem tal-bastiment li jirċievi, in-numru tiegħu fir-reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati għat-tonn,

f) it-tunnellati ta' tonn li għandhom ikunu trasbordati,

3. Bastimenti tas-sajd tal-qbid m'għandhomx jitħallew jitrasbordaw, sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat tal-bandiera tagħhom.

4. Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid għandu, qabel ma jibda t-trasbord, jinforma lill-Istat tal-bandiera b'dan li ġej:

(a) il-kwantitajiet ta' tonn li għandhom jiġu trasbordati,

(b) id-data u l-port tat-trasbord,

(c) l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-bandiera tal-bastiment li jirċievi u n-numru tiegħu fir-reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati għat-tonn,

(d) iż-żona ġeografika fejn inqabad it-tonn

5. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fil-port tiegħu jseħħ it-trasbord għandu:

a. jispezjona l-bastiment li jirċievi hekk kif jasal u jivverifika t-tagħbija u d-dokumentazzjoni relatata ma' l-operazzjoni tat-trasbord.

b. jibgħat rekord tat-trasbord lill-awtorità ta' l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid, fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm it-trasbord.

6. Il-kaptan tal-bastiment Komunitarju msemmi fl-Artikolu 12 għandhom jikkompleta u jitrasmetti d-dikjarazzjoni tat-trasbord ta' l-ICCAT lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastimenti jtajru l-bandiera. Id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data tat-trasbord fil-port skond il-format stabbilit fl-Anness III.

*Artikolu 20*
*Operazzjonijiet ta' għeluq fil-gaġeġ*

1. L-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu tinsab l-azjenda għat-tismin jew it-trobbija għat-tonn għandu jressaq fi żmien ġimgħa mill-ikkompletar ta' l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ, rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, validat minn osservatur, lill-Istat Membru jew CPC li l-bastimenti tal-bandiera tiegħu stadu għat-tonn u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat ta' l-ICCAT. Dan ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ msemmija fl-Artikolu 4 b tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001.

2. Meta l-azjendi għat-tismin jew għat-trobbija jinsabu fl-Ibħra Miftuħa, il-paragrafu 1 għandu japplika, *mutatus mutandis*, għal Stati Membri fejn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-azjenda għat-tismin jew għat-trobbija huma stabbiliti.

3. Qabel kwalunkwe [...] trasferiment ***f'gaġġa***, l-Istat Membru tal-bandiera jew is-CPC tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid għandu jkun infurmat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-azjendi tat-tismin jew tat-trobbija bit-trasferiment fil-gaġeġ bil-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu[27].

L-Istat Membru tal-Bandiera tal-bastiment tal-qbid għandu jitlob lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-azjenda tat-tismin jew tat-trobbija biex jipproċedi għas-sekwestru tal-qabdiet u r-rilaxx tal-ħut fil-baħar jekk meta jirċievi dik l-imformazzjoni jikkunsidra li:

(a) il-bastiment tas-sajd iddikjarat li qabad il-ħut ma kellux kwota individwali suffiċjenti għat-tonn mqiegħed fil-gaġeġ jew,

[27] FR: "attività ta' trasferiment" tinbidel bi "trasferiment f'gaġġa" u tiġi kkjarifikata biż-żieda ta' "...(meta jkun Stat Membru tal-Komunità Ewropea) jew CPC (meta l-istat tal-bandiera jkun

(b) il-kwantità ta' ħut ma ġiex debitament rappurtat u ma ġiex meħud kont tiegħu fil-kalkolu ta' kwalunkwe kwota li tista' tkun applikabbli jew,

(ċ) il-bastiment tas-sajd iddikjarat li qabad il-ħut mhuwiex awtorizzat li jistad għat-tonn.

4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd Komunitarju għandu jikkompleta u jitrasmetti lill-Istat Membru tal-Bandiera jew lis-CPC tal-bandiera d-dikjarazzjoni tat-trasferiment ta' l-ICCAT mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data ta' trasferiment lill-bastimenti ta' rmonk jew lill-gaġġa, skond il-format imniżżel fl-Anness III. Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment għandha takkumpanja l-ħut trasferit waqt it-trasport għall-gaġġa.

*Artikolu 21*
*Attivitajiet bin-nases*

1. Il-qabdiet bin-nassa għandhom jiġu reġistrati wara t-tmiem ta' kull operazzjoni ta' sajd f'nasses għat-tonn u għandhom jiġu trasmessi b'mezzi elettroniċi jew b'mezzi oħrajn fi zmien 48 siegħa wara t-tmiem ta' kull operazzjoni ta' sajd lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tinsab in-nassa.

2. Kull Stat Membru, hekk kif jirċievi r-reġistru tal-qabda, għandu jgħaddih b'mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha minnufih tgħaddi l-informazzjoni lis-Segretarjat ta' l-ICCAT.

*Artikolu 22*
*Kontroll fil-port jew fl-azjenda*[28]

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-bastimenti kollha msemmijin fir-Reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati jistadu għat-tonn li jidħlu f'port magħżul, jiżbarkaw u/jew jitrasbordaw tonn maqbud fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran huma soġġetti għal kontroll f'port.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkontrollaw kull operazzjoni ta' tqegħid f'gaġeġ fl-azjendi għat-tismin jew għat-trobbija li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

3. Meta l-azjendi għat-tismin jew għat-trobbija jinsabu fl-Ibħra Miftuħa, id-dispożizzjoni tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw, *mutatus mutandis*, għall-Istati Membri fejn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-azjenda għat-tismin jew għat-trobbija huma stabbiliti.

CPC ta' l-ICCAT)".

[28] FR: dan l-obbligu ta' kontroll fil-portijiet u l-azjendi għandu jiżdied ukoll fl-Art. 19 (trasbord) u l-Art. 20 (għeluq fil-gaġeġ).

*Artikolu 23*
*Kontro-verifika*

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw, inkluż bl-użu ta' data ta' VMA (sistema ta' monitoraġġ ta' bastimenti), is-sottomissjoni ta' kotba ta' abbord u informazzjoni rilevanti rreġistrata fil-kotba ta' abbord tal-bastimenti tagħhom, fid-dokument dwar it-trasferiment/trasbord u fid-dokumenti dwar il-qabda.

2. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontro-verifiki fuq il-ħut kollu li jinħatt l-art u ttrasbordat jew magħluq fil-gaġeġ bejn il-kwantitajiet skond l-ispeċi rreġistrati fil-ktieb ta' abbord tal-bastiment jew kwantitajiet skond l-ispeċi rreġistrati fid-dikjarazzjoni tat-trasbord u l-kwantitajiet reġistrati fid-dikjarazzjoni ta' trasbord jew id-dikjarazzjoni ta' l-għeluq fil-gaġeġ, u kwalunkwe dokument rilevanti ieħor, bħal fatturi u/jew noti tal-bejgħ.

*Artikolu 24*
*L-Iskema ta' l-ICCAT ta' l-Ispezzjoni Internazzjonali Konġunta*[29]

1. L-Iskema ta' l-ICCAT ta' l-Ispezzjoni Internazzjonali Konġunta adottata mill-ICCAT fir-Raba' Laqgħa Regolari tagħha (Madrid, Novembru 1975) u stabbilita fl-Anness IV għal dan ir-Regolament għandha tapplika fil-Komunità.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati jistadu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran għandhom jaħtru spetturi [...] ***u*** jwettqu spezzjonijiet fuq il-baħar taħt l-Iskema.

3. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha jista' jaħtar lil spetturi Komunitarji fl-Iskema.

4. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għall-Komunità. Hi tista' tfassal, flimkien ma' l-Istati Membri kkonċernati, programmi konġunti ta' spezzjoni għal dik il-fini li jippermettu lill-Komunità twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Iskema. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom huma impenjati fis-sajd għat-tonn għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u l-perijodi u ż-żoni meta dawn għandhom jiġu implimentati.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sa l-1 ta' April ta' kull sena dwar l-ismijiet ta' l-ispetturi u l-bastimenti ta' spezzjoni li biħsiebhom jassenjaw għall-Iskema matul is-sena ta' wara. Permezz ta' din l-informazzjoni l-Kummissjoni għandha tfassal, flimkien ma' l-Istati

---

[29] FR: trid konferma li jistgħu jinżammu kontrolli indipendenti, nazzjonali. COM: SM jkomplu l-ispezzjonijiet tagħhom b'mod parallel.

Membri, pjan antiċipat għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Iskema kull sena, li għandha tibgħat lis-Segretarjat ta' l-ICCAT u lill-Istati Membri.

*Artikolu 25*
*Programm ta' osservazzjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti ta' sajd tagħhom ta' tul 'l fuq minn 15-il metru jkunu soġġetti għal programm ta' osservazzjoni li jkun japplika għal ta' l-inqas għal:

(a) 20 % tal-bastimenti tat-tartarun li huma attivi. Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' sajd konġunti, osservatur għandu jkun preżenti matul l-operazzjoni ta' sajd,

(b) 20 % tal-bastimenti tat-tkarkir li huma attivi,

(ċ) 20 % tal-bastimenti bil-lenza twila li huma attivi,

(d) 20 % tal-bastimenti bil-lixka li huma attivi,

(e) 100 % matul il-proċess ta' ħsad għan-nasses tat-tonn.

Il-kompiti ta' l-osservatur għandhom ikunu, b'mod partikolari, li:

(a) jissorvelja l-konformità ta' bastiment ma' dan ir-Regolament,

(b) jirreġistra u jirrapporta dwar l-attività ta' sajd,

(ċ) josserva u jistima l-qabdiet u jivverifika l-informazzjoni li tiddaħħal fil-ktieb ta' abbord,

(d) jinnota u jirreġistra l-bastimenti li jistgħu jkunu qed jistadu kontra l-miżuri ta' konservazzjoni ta' l-ICCAT.

Barra minn hekk, l-osservatur għandu jwettaq ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' data tat-tip kompitu II kif definit mill-ICCAT, meta meħtieġ mill-ICCAT, ibbażat fuq l-istruzzjonijiet mill-Kumitat Permanenti ta' l-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.

2. Kull Stat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni ta' liema tinsab l-azjenda ta' tismin jew ta' tkabbir tat-tonn għandu jiżgura preżenza ta' osservatur matul it-trasferiment kollu tat-tonn lejn il-gaġeġ u l-ħsad kollu ta' ħut mill-azjenda.

Il-kompiti ta' l-osservatur għandhom ikunu, partikolarment, li:

(a) josserva u jissorvelja l-konformità ta' l-operazzjoni fuq l-azjenda ma' l-Artikoli 4a, 4b u 4c tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001,

(b) jivvalida r-rapport ta' l-għeluq fil-gaġeġ previst fl-Artikolu 20,

(ċ) iwettaq tali ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' kampjuni, kif meħtieġ mill-ICCAT abbażi ta' l-istruzzjonijiet mill-Kumitat Permanenti ta' l-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.

*Artikolu 26*
*Infurzar*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' infurzar fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, fejn ikun ġie stabbilit, skond il-liġi tagħhom li l-bastiment mhux konformi ma' l-Artikoli ***4,*** 5, 7, 14, 15, ***16,*** 17, 19[30]. Il-miżuri jistgħu jinkludu partikolarment, skond is-serjetà tar-reat u skond il-liġi nazzjonali tagħhom:

(a) multi,

(b) konfiska ta' rkaptu tas-sajd illegali kif ukoll il-qabdiet,

(ċ) sekwestru tal-bastiment,

(d) sospensjoni jew irtirar ta' l-awtorizzazzjoni għas-sajd,

(e) tnaqqis jew irtirar tal-kwota tas-sajd, jekk applikabbli.

2. Kull Stat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu tinstab azjenda tat-tonn għandu jieħu l-miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' dik l-azjenda, fejn ikun ġie stabbilit, skond il-liġi tiegħu li dik l-azjenda ma tikkonformax ma' l-Artikoli 20 u 25(2) ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 4a, 4b u 4c tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001. Il-miżuri jistgħu jinkludu partikolarment, skond is-serjetà ta' l-infrazzjoni u skond il-liġi nazzjonali tagħhom:

(a) multi,

(b) sospensjoni jew irtirar mir-reġistru ta' azjendi tat-tismin,

(ċ) projbizzjoni mill-għeluq fil-gaġeġ jew it-tqegħid fis-suq ta' kwantitajiet ta' tonn.

*Artikolu 27*
*Miżuri marbuta mas-suq*

1. Il-kummerċ Komunitarju, l-iżbarkar, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, it-tqegħid f'gaġeġ għat-trobbija jew it-tismin, l-esportazzjonijiet mill-ġdid u t-trasbordi ta' tonn ta' l-Atlantiku tal-Lvant u tal-Mediterran li mhumiex akkumpanjati minn dokumentazzjoni preċiża, kompleta, u validata meħtieġa minn dan il-Kapitolu għandhom ikunu pprojbiti.

2. Il-kummerċ Komunitarju, l-importazzjonijiet, l-iżbarkar, it-tqegħid f'gaġeġ għat-trobbija jew it-tismin, l-ipproċessar, l-esportazzjonijiet, l-esportazzjonijiet mill-ġdid u t-trasbordi ta' tonn ta' l-Atlantiku tal-Lvant u tal-Mediterran (*thunnus thynnus*) li jinqabad minn bastimenti tas-sajd li l-Istat tal-bandiera tagħhom m'għandux kwota, limitu ta' qabda jew allokazzjoni ta' l-isforz tas-sajd għat-tonn ta' l-Atlantiku tal-Lvant u tal-Mediterran, skond it-termini tal-miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni ta' l-ICCAT, jew meta l-possibbiltajiet ta' sajd ta' l-Istat tal-bandiera huma eżawsti, għandhom ikunu pprojbiti.

[30] FR: jiġi inkluż ukoll l-Art. 4 (ftehim tal-kummerċ privati) u l-Art. 16 (awtorizzazzjoni biex isiru operazzjonijiet konġunti tas-sajd).

3. Il-kummerċ Komunitarju, l-importazzjonijiet, l-iżbarkar, l-ipproċessar, l-esportazzjonijiet minn azjendi għat-tismin jew għat-trobbija li ma jikkonformawx mar-*Rakkomandazzjoni 2006 [07]* ta' l-ICCAT dwar it-Trobbija tat-Tonn għandhom ikun ipprojbiti.

*Artikolu 28*

*Fatturi ta' konverżjoni*

Il-fatturi ta' konverżjoni adottati mill-Kumitat Permanenti ta' l-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika għandhom japplikaw għall-kalkolazzjoni il-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat.

*Artikolu 29*

*Finanzjament*

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 tal-Fond Ewropew għas-Sajd[31] u sal-31 ta' Diċembru 2014 il-pjan ta' rkupru pluriennali għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandu jitqies li huwa pjan ta' rkupru fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002[32].

---

[31] ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1

[32] IT: EFF iwarrab 6 % tal-fondi tiegħu għal tali azzjonijiet, dan mhux biżżejjed; tfittex dikjarazzjoni minn COM dwar aktar flessibbiltà. COM: ser tivverifika jekk tali dikjarazzjoni hijiex possibbli, riżerva.

## KAPITOLU V
## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 30*
*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 520/2007*

Ir-Regolament (KE) Nru 520/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikoli 6 u 11 huma mħassra;

(2) fl-Anness IV, l-entrata dwar it-tonn titħassar.

*Artikolu 31*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Madankollu, l-Artikolu 29 għandu japplika mit-13 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## Anness I[33]

## Kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għal dgħajjes tas-sajd bil-qasba, dgħajjes tas-sajd bir-rixa u sajd pelaġiku bit-tkarkir fl-Atlantiku tal-Lvant

1. a) Kull Stat Membru għandu jiżgura li bastimenti li nħarġilhom il-permess speċjali tas-sajd jiġu inklużi fil-lista li fiha isimhom u n-numru tagħhom fir-reġistru tal-flotta Komunitarja (CFR) kif definit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità[34]. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-permess speċjali tas-sajd biss meta bastiment ikun iddaħħal fir-reġistru ta' l-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu għat-tonn.

b) Sa l-1 ta' April 2008, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-lista msemmija fil-paragrafu a) u l-emendi sussegwenti kollha f'forma li tinqara mill-kompjuter.

ċ) Emendi għal-lista msemmija fil-paragrafu 1 a) għandhom jiġu trasmessi lill-Kummissjoni mill-inqas ħamest ijiem qabel id-data li fiha l-bastiment li għadu kemm ġie inkluż f'dik il-lista jidħol fl-Atlantiku tal-Lvant. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih l-emendi lis-Segretarjat ta' l-ICCAT.

2.a) Għandu jkun ipprojbit l-iżbarkar u/jew it-trasbord minn bastimenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness ta' kwalunkwe kwantità ta' tonn li jinqabad fl-Atlantiku tal-Lvant fi kwalunkwe post ieħor għajr il-portijiet magħżula mill-Istati Membri jew mis-CPCs.

b). L-Istati Membri għandhom jagħżlu post li jintuża għall-iżbarkar jew post qrib ix-xatt (portijiet magħżula) fejn l-iżbarkar jew operazzjonijiet ta' trasbord tat-tonn ikun permess.

ċ). L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' kull sena lista ta' portijiet magħżula. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT qabel il-15 ta' April ta' kull sena. Kwalunkwe tibdil susseggwenti li jsir għal-lista għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni biex jintbagħat lis-Segretarjat Eżekuttiv ta' l-ICCAT, għallinqas 15-il jum qabel ma jkun se jidħol fis-seħħ it-tibdil.

3. B'deroga mid-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment Komunitarju msemmi fil-paragrafu 1 u 2 jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru (inkluż l-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera tagħhom) jew tas-CPC fil-port jew faċilità ta' żbarkar ta' liema jixtiequ jużaw mill-inqas

a) il-ħin stmat tal-wasla,

b) l-istima tal-kwantità ta' tonn abbord,

---

[33] FR: ippreferiet il-preżentazzjoni preċedenti ta' l-Anness, it-test ta' l-Art. 7(3) - (6) jerġa' jiddaħħal hawn.

ċ) informazzjoni dwar iż-żona fejn saru il-qabdiet

4. Kull Stat Membru għandu jimplimenta reġim ta' rappurtar ta' qbid li jiżgura monitoraġġ effettiv ta' l-użu tal-kwota ta' kull bastiment.

5. Il-qabdiet tat-tonn ma jistgħux jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumatur finali, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ, dment li marki jew tikkettar xieraq ma jindikax:

(a) l-ispeċi, l-irkaptu tas-sajd li ntuża,

(b) iż-żona ta' qbid u d-data.

6. L-Istati Membri li d-dgħajjes tal-lixka tagħhom huma awtorizzati jistagħdu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant għandhom idaħħlu ħtiġiet għat-tikketti fuq id-denb (*tail tags*) kif ġej:

a) Tikketti fuq id-denb iridu jitwaħħlu fuq kull tonn immedjatament ma l-iżbark.

b) Kull tikketta fuq id-denb għandu jkollha numru ta' identifikazzjoni uniku li jrid jiġi inkluż fid-dokumenti statistiċi dwar it-tonn u miktub fuq in-naħa ta' barra ta' kwalunkwe pakkett li fih it-tonn.

[34] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25

## ANNESS II
## Speċifikazzjoni għall-kotba ta' abbord:

**Speċifikazzjonijiet minimi għall-kotba ta' abbord**

1. Il-ktieb ta' abbord irid ikollu kull folja nnumerata.
2. Il-ktieb ta' abbord irid jiġi kompletat kuljum (nofs il-lejl) jew qabel il-wasla fil-port
3. Il-ktieb ta' abbord irid ikun ikkompletat fil-każ ta' spezzjonijiet fuq il-baħar
4. Kopja waħda tal-folji trid tibqa' mwaħħla mal-ktieb ta' abbord
5. Il-kotba ta' abbord iridu jinżammu abbord biex jiġi kopert perijodu ta' sena ta' operazzjoni.

**Informazzjoni standard minima għall-kotba ta' abbord:**

1. L-isem tal-kaptan u l-indirizz
2. Dati u portijiet ta' tluq, Dati u portijiet ta' wasla
3. Isem il-bastiment, numru ta' reġistrazzjoni, numru ICCAT u numru IMO (jekk disponibbli). Fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti ta' sajd, l-ismijiet tal-bastimenti, in-numri ta' reġistrazzjoni, in-numru ICCAT u n-numru IMO (jekk disponibbli) tal-bastimenti kollha involuti fl-operazzjoni.
4. Inġenji tas-sajd:

a) kodiċi tat-tip FAO

b) Dimensjoni (tul, daqs tal-malji, numru ta' sunnari …)

5. Operazzjonijiet fuq il-baħar b'linja waħda (minimu) għal kull jum tal-vjaġġ, b'informazzjoni dwar:

a) L-Attività (sajd, tbaħħir …)

b) Il-Pożizzjoni: Pożizzjonijiet eżatti kuljum (fi gradi u minuti), reġistrati għal kull operazzjoni ta' sajd jew f'nofs in-nhar meta ma jkunx seħħ sajd matul dak il-jum.

c) Reġistru tal-qabdiet:

6. Identifikazzjoni ta' l-ispeċi:

a) bil-kodiċi FAO

b) il-piż sħiħ (RWT) f'kg kuljum

7. Firma tal-kaptan
8. Firma ta' l-osservatur (jekk applikabbli)
9. Mezz tal-kalkolu tal-piż: stima, ippiżar abbord.
10. Il-ktieb ta' abbord jinżamm fil-piż ħaj ekwivalenti tal-ħut u jsemmi l-fatturi ta' konverżjoni użati fl-evalwazzjoni.

**Informazzjoni minima fil-każ ta' żbarki, trasbord/trasferiment:**

1. Dati u port ta' żbark/trasbord/trasferiment
2. Prodotti

a) preżentazzjoni

b) numru ta' ħut jew kaxxi u kwantità f'kg

3. Firma tal-Kaptan jew ta' l-Aġent tal-Bastiment

## ANNESS III
## DIKJARAZZJONI ICCAT DWAR IT-TRASFERIMENT/TRASBORD

**Nru tad-dokument** **DIKJARAZZJONI ICCAT DWAR TRASFERIMENT/TRASBORD**

| **Bastiment ta' Rmonk/Ġarr** | **Bastiment tas-Sajd** |
|---|---|
| L-isem u l-*call sign* internazzjonali tar-radju tal-bastiment | L-isem u l-*call sign* internazzjonali tar-radju tal-bastiment, |
| Bandiera: | Bandiera: |
| Nru ta' awtorizzazzjoni ta' l-Istat tal-Bandiera | Nru ta' awtorizzazzjoni ta' l-Istat tal-Bandiera |
| Nru tar-Reġistru Nazzjonali | Nru tar-reġistru Nazzjonali |
| Nru tar-Reġistru ICCAT | Nru tar-Reġistru ICCAT |
| Nru IMO | Identifikazzjoni esterna: |
| | Nru tal-folja tal-ktieb ta' abbord tas-sajd |

Jum Xahar Siegħa Sena |2_|0_|__|__| Isem il-Kaptan: Isem il-Kaptan tal-Bastiment ta' Rmonk/Ġarr: POST TAT-TRASFERIMENT/TRASBORD

Tluq |__|__| |__|__| |__|__| minn |__________|

Ritorn |__|__| |__|__| |__|__| sa |__________| Firma: Firma:

Trasferiment/Trasbord |__|__| |__|__| |__|__| |__________|

Għal trasbord, indika l-piż f'kilogrammi

Fil-każ ta' trasferiment ta' ħut ħaj indika n-numru ta' unitajiet u l-piż ħaj

| Port | Baħar Lat. | Long. | Speċijiet | Numru ta' unitajiet ta' ħut | Tip ta' Prodott Ħaj | Tip ta' Prodott Sħiħ | Tip ta' Prodott Imnaddaf | Tip ta' Prodott Mingħajr ras | Tip ta' Prodott Imqattgħa | Tip ta' Prodott | trasferiment/trasbordi ulterjuri<br><br>Data:<br>Post/Pożizzjoni: |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | Nru ta' awtorizzazzjoni CP. |
| | | | | | | | | | | | Firma tal-Kaptan tal-bastiment li jittrasferixxi: |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | Isem tal-bastiment li jirċievi: |
| | | | | | | | | | | | Bandiera |
| | | | | | | | | | | | Nru tar-Reġistru ICCAT |
| | | | | | | | | | | | Nru IMO |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | Firma tal-Kaptan |
| | | | | | | | | | | | Data: |
| | | | | | | | | | | | Post/Pożizzjoni: |
| | | | | | | | | | | | Nru ta' Awtorizzazzjoni CP |
| | | | | | | | | | | | Firma tal-Kaptan tal-bastiment li jittrasferixxi |
| | | | | | | | | | | | Isem tal-bastiment li jirċievi: |
| | | | | | | | | | | | Bandiera |
| | | | | | | | | | | | Nru tar-Reġistur ICCAT |
| | | | | | | | | | | | Nru IMO |
| | | | | | | | | | | | Firma tal-Kaptan |

Firma ta' l-Osservatur ta' l-ICCAT (jekk applikabbli):

Obbligi f'każ ta' trasferiment/trasbord:

1. L-oriġinali tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment/trasbord trid tingħata lill-bastiment ta' rmonk/ipproċessar/trasport li jirċievi)
2. Il-kopja tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment/trasbord trid tinżamm mill-bastiment tas-sajd korrispondenti li jkun qabad
3. Operazzjonijiet ta' trasferiment jew trasbord ulterjuri għandhom ikunu awtorizzati mis-CP rilevanti li jawtorizza l-bastiment biex jopera
4. L-oriġinal tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment/trasbord trid tinżamm mill-bastiment li jirċievi li jżomm il-ħut, sa l-azjenda jew il-post ta' żbark
5. L-operazzjoni ta' trasferiment jew trasbord għandha tiġi reġistrata fil-ktieb ta' abbord ta' kwalunkwe bastiment involut fl-operazzjoni.

## ANNESS IV
## L-ISKEMA TA' L-ICCAT DWAR L-ISPEZZJONI INTERNAZZJONALI KONĠUNTA

Il-Kummissjoni qablet fir-Raba' Laqgħa Regolari tagħha (Madrid, Novembru 1975) li:

Skond il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu IX tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni ICCAT tirrakkomanda l-istabbiliment ta' l-arranġamenti li ġejjin għal kontroll internazzjonali 'l hinn mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u l-miżuri fis-seħħ fiha:

1. Il-kontroll għandu jitwettaq mill-ispetturi tas-servizzi tal-kontroll tas-sajd tal-Gvernijiet Kontraenti. L-ismijiet ta' l-ispetturi maħtura għal dik il-fini mill-gvernijiet rispettivi tagħhom għandhom ikunu mgħarrfa lill-Kummissjoni ICCAT.

2. Bastimenti li jġorru spetturi għandhom itajru bandiera jew fjamma speċjali approvata mill-Kummissjoni ICCAT biex jindikaw li l-ispettur qed iwettaq dmirijiet ta' spezzjoni internazzjonali. L-ismijiet tal-bastimenti użati għal il-għan f'dak il-mument, li jistgħu jkunu bastimenti speċjali ta' spezzjoni jew bastimenti tas-sajd, għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni ICCAT, malajr kemm jista' jkun.

3. Kull spettur għandu jġorr dokument ta' l-identità pprovdut mill-awtoritajiet ta' l-istat tal-bandiera f'forma approvata mill-Kummissjoni ICCAT u mogħtija lilu mal-ħatra li iiddikjara li għandu l-awtorità biex jaġixxi skond l-arranġamenti approvati mill-Kummissjoni ICCAT.

4. Soġġett għall-arranġamenti maqbula taħt il-paragrafu (9), bastiment impjegat f'dak il-mument fis-sajd għat-tonn jew ħut bħat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni 'l barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali għandu jieqaf hekk kif jingħata s-sinjal xieraq fil-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sinjali minn bastiment li għandu fuqu spettur dment li ma jkunx qed iwettaq operazzjonijiet ta' sajd, fejn jekk dan ikun il-każ, għandu jieqaf hekk kif ikun temm dawn l-operazzjonijiet. Il-kaptan[35] tal-bastiment għandu jippermetti lill-ispettur, li jista' jkun akkumpanjat minn xhud, biex jitla' abbord. Il-kaptan għandu jippermetti lill-ispettur jagħmel tali eżami tal-qabda jew tat-tagħmir u ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-ispettur jikkunsidra meħtieġ biex jivverifika l-osservanza tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ICCAT li huma fis-seħħ fir-rigward ta' l-istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat u l-ispettur jista' jitlob għal kwalunkwe spjegazzjoni li hu jikkunsidra meħtieġa.

5. Hekk kif jitla' fuq il-bastiment spettur għandu jipproduċi d-dokument deskritt fi (3) hawn fuq. L-ispezzjonijiet għandhom isiru sabiex il-bastiment isofri l-inqas tfixkil u inkonvenjenza possibbli u li d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħut tkun evitata. Spettur għandu jillimita l-inkjesta tiegħu għall-aċċertazzjoni tal-fatt fir-rigward ta' l-osservazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ICCAT li huma fis-seħħ fir-rigward ta' l-istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat.

[35] Il-kaptan tirreferi għall-individwu li huwa fil-kmand tal-bastiment

.Meta jagħmel l-eżami spettur jista' jitlob lill-kaptan għal kwalunkwe għajnuna li jista' jkollu bżonn. Huwa għandu jfassal rapport dwar l-ispezzjoni tiegħu f'forma approvata mill-Kummissjoni ICCAT. Huwa għandu jiffirma r-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment li għandu jkun intitolat iżid jew jordna li tiġi miżjuda fir-rapport kwalunkwe osservazzjoni li hu jaħseb li hi xierqa u għandu jiffirma tali osservazzjonijiet. Kopji tar-rapport għandhom jingħataw lill-kaptan tal-bastiment u lill-gvern ta' l-ispettur li għandu jgħaddi kopji lill-awtoritajiet xierqa ta' l-istat tal-bandiera tal-bastiment u lill-Kummissjoni ICCAT. Fejn jinsab ksur tar-rakkomandazzjonijiet l-ispettur għandu, fejn possibbli, jinforma wkoll lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-istat tal-bandiera, kif notifikat lill-Kummissjoni ICCAT, u lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni ta' l-istat tal-bandiera li huwa magħruf li jinsab fil-viċinanzi.

6. Resistenza kontra spettur jew nuqqas ta' konformità ma' l-istruzzjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu mill-istat tal-bandiera tal-bastiment b'mod simili għal resistenza kontra kwalunkwe spettur ta' dak l-istat jew nuqqas ta' konformità mad-direzzjonijiet tiegħu.

7. L-ispetturi għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt dawn l-arranġamenti f'konformità mar-regoli stabbiliti f'din ir-rakkomandazzjoni iżda għandhom jibqgħu taħt il-kontroll operattiv ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u jkunu responsabbli lilhom.

8. Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom jikkunsidraw u jaġixxu fuq rapporti ta' spetturi barranin taħt dawn l-arranġamenti fuq bażi simili skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom għar-rapporti ta' l-ispetturi nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx jimponu obbligu fuq Gvern Kontraenti biex jagħti valur ogħla lil rapport ta' spettur barrani minn dak li kieku jkollu fil-pajjiż ta' l-ispettur stess. Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom jikkollaboraw biex jiffaċilitaw proċedimenti ġudizzjarji jew oħra li jsiru b'riżultat ta' rapport ta' spettur taħt dawn l-arranġamenti.

9. (i) Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni ICCAT sa l-1 ta' Marzu ta' kull sena bil-pjanijiet proviżorji għall-parteċipazzjoni f'dawn l-arranġament matul is-sena ta' wara u l-Kummissjoni tista' tagħmel suġġerimenti lill-Gvenijiet Kontraenti għall-koordinament ta' l-operazzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam inklużi l-għadd ta' spetturi u bastimenti li jġorru l-ispetturi.

(ii) L-arranġamenti mniżżlin f'din ir-rakkomandazzjoni u l-pjanijiet għall-parteċipazzjoni għandhom japplikaw bejn il-Gvernijiet Kontraenti sakemm ma jiftehmux mod ieħor bejniethom; u tali qbil għandu jkun innotifikat lill-Kummissjoni ICCAT

Dment madankollu, li l-implimentazzjoni ta' l-iskema għandha tkun sospiża bejn żewġ Partijiet Kontraenti jekk wieħed minnhom ikun innotifika lill-Kummissjoni ICCAT għaldaqstant, sakemm jiġi kompletat ftehim.

10. (i) It-tagħmir tas-sajd għandu jkun spezzjonat skond ir-regolamenti fis-seħħ għas-subżona li fih isseħħ l-ispezzjoni. L-ispettur għandu jiddikjara n-natura ta' dan il-ksur f'dan ir-rapport.

(ii) L-ispetturi għandu jkollhom l-awtorità jispezzjonaw it-tagħmir tas-sajd kollu li qed jintuża jew dak it-tagħmir tas-sajd li jinsab fuq il-gverta lest biex jintuża.

11. L-ispettur għandu jwaħħal marka ta' identifikazzjoni approvata mill-Kummissjoni ICCAT ma' kwalunkwe tagħmir tas-sajd spezzjonat li jidher li hu fi ksur tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ICCAT fis-seħħ fir-rigward ta' l-istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat u għandu jirreġistra dan il-fatt fir-rapport tiegħu.

12. L-ispettur jista' jieħu ritratti tat-tagħmir b'mod li jiġu żvelati dawk il-karatteristiċi li fl-opinjoni tiegħu mhumiex f'konformità mar-regolament fis-seħħ, li f'dan il-każ is-soġġetti li jittieħdilhom ritratt għandhom ikunu elenkati fir-rapport u kopji tar-ritratti għandhom ikunu mehmuża mal-kopja tar-rapport lill-istat tal-bandiera.

13. L-ispettur għandu jkollu l-awtorità, soġġetta għal kwalunkwe limitu imposta mill-Kummissjoni ICCAT, li jeżamina l-karatteristiċi tal-qabdiet, biex jistabbilixxi jekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ICCAT humiex qed jiġu osservati. Hu għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-awtoritajiet ta' l-istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat malajr kemm jista' jkun. (Rapport Biennali 1974/75, Parti II).

Fjamma ICCAT:

